Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0200

Miżuri nmeħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-TUE u mat-TFUE, dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Ġunju 2026 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2003/76/KE (06884/2026 – C10-0091/2026 – 2025/0390(APP))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (06884/2026),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill f'konformità mal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 2, l-ewwel paragrafu tiegħu (C10-0091/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A10-0158/2026),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.